TIFKIRIET FIS-SIĠĠIEWI

# L-ISMIJIET TAT-TOROQ

Minn Tony Terrible

■ L-ibliet u rħula tagħna huma mimlija tifkiriet marbuta ma' l-istorja u l-qedem tagħhom. Fost dawn it-tifkiriet storiċi għandna wkoll l-ismijiet ta' bosta toroq li jfakkruna fi ġrajjiet, qaddisin, inħawn, personalitajiet u ġrajjiet marbuta ma' dik il-belt jew raħal.

Dan japplika wkoll għas-Siġġiewi, li hu raħal kbir u qadim. Hawnhekk l-ismijiet ta' toroq ivarjaw. Ħsibt għal din is-sena, permezz ta' din il-kitba naraw min huma il-personalitajiet, li għalihom insibu erba' toroq msemmija f'ġiehom. Ħa nibdew minn Triq Nicolo Baldacchino. Dan iben is-Siġġiewi, twieled fit-3 ta' Ottubru tal-1895 u għamel l-aqwa unur lil Malta fil-qasam liriku. Studja taħt Paolino Vassallo u wara tela' Milan taħt Matteo Aderno.

L-ewwel dehra tiegħu, bħala tenur għamilha fl-1919 fit-Tijatru Margarita ta' Sqallija fejn ħadem il-parti ta' Edgardo fl-opra Lucia di Lammermoor. Dan kien il-bidu ta' debuti oħra li għamel Nikolo Baldacchino fl-Italja fejn kanta fl-aqwa tijatri ta' Firenze, Turin u Milan. Kanta ma' liriċi magħrufa bħal Gianna Pederzini u Adelaide Saracena. F'Malta għamel dehriet mill-aqwa fit-Tijatru Rjal fl-opri Verdjani bħal Ernani, il Trovatore u Aida. Ħadem ukoll fl-opra ta' Giordano, Andrea Chenier. Kull darba, Baldacchino kien jiġi mogħti applawsi kbar.

Fl-1937 reġa' lura Malta u baqa' jkanta l-aktar fil-knejjes ma' Maestri di Cappella magħrufa ta' dawk iż-żminijiet. Beda wkoll jħarreġ bosta żgħażagħ Maltin fl-arti lirika. Fost dawn insemmu lil Oreste Chircop, lil Pawlu Asciaq u lil Juliet Lopez Casolani. Nicolo Baldacchino miet fit-28 ta' Frar 1971. L-isem ta' din it-triq hija tifkira żgħira ta' dan iben ir-raħal li għamel l-aqwa unur lis-Siġġiewi.

Triq Pietro Felici għandha rabta intima mas-Siġġiewi għar-

raġuni li dan l-iskultur ħadem żewġ statwi ta' San Nikola għal dan ir-raħal. L-ewwel waħda tinsab fil-misraħ prinċipali. Hi biċċa xogħol sabiħa ta' skultura fil-ġebla u t-tieni waħda hi l-istatwa titulari, biċċa xogħol mill-aqwa ta' skultura fl-injam. Pietro Felici twieled Ħal-Qormi fit-22 ta' Diċembru tal-1669 minn ġenituri Qormin iżda meta kiber telaq lejn l-Isla fejn iżżewweġ u kellu tlett ulied. Miet fil-Belt Valletta nhar is-27 ta' Frar tal-1743.

Fid-dawra tagħna f'xi toroq Siġġiwin niltaqgħu ma' triq li qegħda tfakkar lil Salvatore Borg Olivier li twieled fid-29 ta' Diċembru tal-1880, fil-Belt Valletta. Igradwa bħala nutar fl-1906. Kien wieħed mill-ewlenin politikanti Maltin li ikkontesta l-elezzjonijiet, b'suċċess kbir fi ħdan il-Partit Nazzjonalista. Il-politika ressqitu lejn is-Siġġiewi fejn il-poplu ħabbu ħafna u kien dejjem jiġi elett. Serva bħal speaker, bħala membru tas-Senat u kif ukoll bħala Ministru tas-Saħħa u tal-Posta.

Salvatore Borg Olivier kien wieħed mill-aqwa nutara ta' qabel il-gwerra. Miet fit-18 ta' Diċembru tal-1937. L-isem ta' din it-triq tfisser ir-rabta ta' dan in-nutar-politikant, mis-Siġġiewi.

L-aħħar triq li se naraw tfakkarna f'Monsinjur Mikiel Azzopardi, meqjus bħala wieħed mill-aqwa benefatturi tal-poplu tagħna. Ir-rabta ta' dan il-qassis bdiet permezz tas-Summer Camps li kull sena kien jorganizza għat-tfal ta' familji numerużi f'bini tas-servizzi Ingliżi f'tarf is-Siġġiewi. Dun Mikiel, għaraf maż-żmien, juża din il-propjetà għat-tfal b'xi diżabilità. Hawn twieldet id-Dar tal-Providenza. Il-proġett irnexxa għax maż-żmien Dun Mikiel bena villa Monsinjur Gonzi u Dar Papa Luciani. Monsinjur Azzopardi twieled il-Belt Valletta fl-10 ta' Frar tal-1910 u sar saċerdot fl-1934. Mill-ewwel intefa fuq il-ħidma tat-tagħlim u l-edukazzjoni u d-direzzjoni spiritwali taż-żgħażagħ u l-istudenti. Kien direttur spiritwali ta' l-iskejjel governattivi. Kien imfittex ħafna għal pariri siewja. Kif kien xieraq, meta miet fit-13 ta' Mejju 1987, indifen kif xtaq, fil-kumpless tad-djar tal-Providenza fis-Siġġiewi. B'hekk Dun Mikiel indifen fejn tant ħadem, fis-Siġġiewi.

Kif rajna dawn l-ismijiet ta' toroq Siġġiewin għandhom marbuta magħhom storja u tifkira. Minn dawn hemm oħrajn, li naraw it-tifsira tagħhom fis-snin li ġejjin.